VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,010, 15 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 188 tal-2018

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar id-Diviżjoni f'Sezzjonijiet fil-Qorti tal-Appell

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar id-Diviżjoni f'Sezzjonijiet fil-Qorti tal-Appell u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar id-Diviżjoni f'Sezzjonijiet fil-Qorti tal-Appell, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 12.10.

Jemenda l-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali, il-kelma "tnejn." għandha tiġi ssostitwita bil-kelma "tlieta." u l-kliem "l-Qorti ta' l-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) u l-Qorti ta' l-Appell (It-Tieni Sezzjoni).", għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "l-Qorti tal-Appell (L-Ewwel Sezzjoni), il-Qorti tal-Appell (It-Tieni Sezzjoni) u l-Qorti tal-Appell (It-Tielet Sezzjoni).".

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

3. L-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni", għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "id-29 ta' April 1994" u l-kliem "l-artikolu 41(3)", għandu jiġi ssostitwit bil-kliem " l-artikolu 41(6)";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "id-29 ta' April 1994";

(c) minnufih wara is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kemm-il darba r-regoli li għalihom ssir referenza fis-subartikolu (1) ma jipprovdux xort'oħra, il-kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (L-Ewwel Sezzjoni) jew il-Qorti tal-Appell (It-Tieni Sezzjoni) u li fil-11 ta' Ġunju 2018 ma jkunux għadhom ġew appuntati għas-smigħ, u appelli ppreżentati qabel il-11 ta' Ġunju 2018, jistgħu jiġu assenjati mill-Prim Imħallef għas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell (It-Tielet Sezzjoni).".